MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 329/2008

**Jason Francis Sultana**

**vs**

**Charles Duncan Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 t' April 2008, fejn l-attur talab illi nhar is-17 t'April 2008, fis-7:55am minhabba l-agir irresponsabbli tal-konvenut, liema agir sar fil-prezenza tax-xhieda, ikkaguna hsara fl-ammont ta' mija u tmienja u disghin Euro fit-*tyre* tal-vettura propjeta` tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni JFS 007 tal-ghamla Land Rover Freelander billi qatta' l-istess tyre permezz ta' strument bil-ponta. Illi l-konvenut anke` fil-prezenza ta' xhieda ammetta li kien ghamel dan l-isfregju

u anke` kien hallas lil attur is-somma ta’ tletin Euro bhala parti mill-ispejjez.

Illi l-konvenut kien sahansitra sellef pompa tal-arja lil attur sabiex huwa jkun jista’ jasal id-dar, liema pompa giet ritornata lura lill-konvenut personali fl-Ghassa tal-Belt Valletta fil-prezenza ta’ Ufficjal tal-Pulizija fi zmien qasir. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, anke` permezz ta’ Ittra Ufficjali sabiex jhallas dan l-ammont huwa baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jintavola din il-kawza sabiex dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut jhallas dan l-ammont.

Bl-ispejjez kollha inluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 t’April 2008 numru 1635/2008 ammontanti ghal tmienja u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€78.41) kif ukoll l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Ra r-**risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-30 ta’ Mejju 2008 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi l-konvenut jichad bl-aktar mod kategoriku illi kkawza xi danni fil-vettura tal-attur jew li kien responsabbli ghal tali danni.

Illi l-konvenut jichad kategorikament illi huwa qatt ammetta l-isfregju allegat mill-attur, la mal-attur u wisq inqas fil-presenza ta’ xhieda.

Illi l-konvenut jichad kategorikament illi huwa qatt ghamel xi hlas lill-attur akkont ta’ l-allegati danni sofferti mill-attur. Illi l-esponent sellef lill-attur is-somma ta’ tletin euro (€30.00) u dan wara li l-istess attur stqarr mieghu li ma kellux flus fuqu u talbu sabiex iselfu xi flus. Ghalhekk ma sar l-ebda hlas b’accettazzjoni ta’ responsabbilita` tal-hsara allegata.

Illi jrid jigi ppruvat jekk id-danni allegati mill-attur in effetti jissussitux, jekk humiex responsabbilta` tal-konvenut u jekk id-danni riklamati humiex gustifikati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' **Mario Mizzi** prodott mill-attur fis-seduta mizmuma fit-23 ta' Gunju 2008 fejn ikkonferma illli fil-gurnata tas-17 t'April kien mar ma' l-attur sabiex jara lil ommu l-isptar. Ikkonferma ukoll illi dak in-nhar kien qieghed bil-qeghda fil-karozza ta' l-attur u kien ra lill-attur ikellem lil certu individwu u ra lil dan l-individwu jaghti tletin euro (€30) lil attur u pompa sabiex jonfoh it-*tyres*.

Hu ikkonferma ukoll illi ma kienx jaf ghala tah dawn it-tletin euro (€30). Hu jiftakar li *tyre* minnhom kien ftit baxx u uza l-pompa li tah dan l-individwu biex jonfoh it-*tyre* bih, liema pompa l-attur baqa' diehel biha fil-karozza u zammha ghandu.

Sema' x-xhieda ta' l-attur **Jason Francis Sultana** fis-seduta mizmuma fit-23 ta' Gunju 2008 fejn ikkonferma illli fil-gurnata tas-17 t'April 2008 kien ipparkja l-karozza tieghu JFS 007 quddiem il-Yellow Garage. Meta ltaqa' mat-tfajla, hin minnhom ra lill-konvenut johrog strument bil-ponta u jaghti t-*tyre* u ghajjatlu biex jieqaf u wara mar l-Ghassa biex jaghmel rapport. Meta rega' irritorna innota illi t-*tyre* kien imnizzel kollu u avvicina lill-konvenut u kien qallu li hu ghamillu l-hsara ghax kien laqatlu *plastic cone.* Kien ammetta mieghu u qallu li kien lest ihallsu basta l-attur jirtira r-rapport u l-attur fil-fatt irtira ir-rapport.

L-attur ikkonferma illi l-konvenut kien tah tletin euro (€30) kif ukoll pompa sabiex jonfoh it-tyre. Pero` meta kien mar sabiex jirranga t-tyre, kienu qalulu li l-ammont li kien tah il-konvenut ma kienx bizzejjed, u l-attur esebixxa Dok JFS1 ai fini ta' dan l-argument. L-attur esebixxa ukoll ricevuta ta' tyre gdid immarkat bhala Dok JFS2.

L-attur ikkonferma illi l-ghada kien rega' mar ikellem lill-konvenut liema konvenut kien assigurah li kien lest li jhallsu u di fatti tah l-ID card tieghu (kopja ta' liema qed

tigi esebita bhala Dok. JFS3) u qallu biex jigbor il-flus minn ghandu d-dar. Meta mar biex jigbor il-flus mid-dar tal-konvenut, dan qallu li ma riedx ihallsu u beda jheddu.

Ra l-affidavit ta' **Dorriane Curmi** (Dok X) fejn ikkonfermat illi nhar is-sbatax t'April 2008 iltaqghet ma' l-attur il-Belt u waqt li kienu weqfin jitkellmu, hu hares 'l isfel u beda jghajjat. Hi rat lill-konvenut jaghmel hsara fuq it-*tyre* tal-karozza ta' l-attur permezz ta' strument bil-ponta.

Ra l-affidavit ta' **Eman Grech** fejn ikkonferma illi hu jahdem fix-xoghol tat-*tyres* u kien ra t-*tyre* ta' l-attur u kkonferma illi l-istess *tyre* kien f'kundizzjoni tajba hlief xi ticrit li kellu madwar is-*sidewalls* u mill-esperjenza tieghu jghid illi ma huwiex normali illi *tyre* jitfaccawlu hsarat fi zmien daqshekk qasir, peress illi t-*tyre* tal-attur kien relattivament gdid.

Sema' x-xhieda tal-konvenut **Charles Duncan Spiteri** fis-seduta mizmuma fit-18 ta' Settembru 2008 fejn ikkonferma illli fil-gurnata tas-17 t'April 2008, hu kien qed jahdem gol-Yellow Garage u l-attur ipparkja l-vettura tieghu quddiem it-tali garage, u fil-manuvra tal-*parking*, waqqa' erba' (4) *cones.* (Dok CDS 1, CDS 2). L-attur ipparkja f'bicca imharbta (CDS 3).

Il-konvenut qal illi hareg il-*cones* minn taht il-karozza ta' l-attur, waqt li l-istess attur kien ghadu gewwa u waqt illi kien qed jaghmel dan, l-attur hareg mill-karozza u fil-pront qallu illi kien faqalu xi *tyre.* Il-konvenut osserva illi t-*tyre* kien ftit baxx pero` cahad illi kien faqalu xi *tyre.* Il-konvenut ikkonferma ukoll illi ftit wara illi telaq l-attur, gew il-Pulizija u staqsewh jekk kellux x'jaqsam ma' dan l-incident pero` hu stess indikalhom il-karozza ta' l-attur u l-Pulizija ivverifikaw b'ghajnejhom illi ma kienx minnu illi kien hemm *tyre* mifqugh. Inoltre, hu sellef kumpressur lill-attur sabiex ikun jista' jonfoq it-*tyre* bih u selfu ukoll tletin euro (€30.00) ghax qallu illi kellu bzonn imur Ghawdex u inqabad minghajr flus, u kien weghedu illi l-ghada filghodu kien ser iroddhomlu lura.

Il-konvenut stqarr ukoll illi l-ghada kien avvicinah l-attur u tah *quotation* tat-*tyre* ghall-ammont ta' iktar minn mitejn u tmienja u ghoxrin euro (€228) u l-attur qallu illi kien ser itih lura l-kompressur u t-tletin euro (€30) li kien silfu hekk kif ihallsu s-somma skond il-*quotation.* Jikkonferma ukoll illi l-attur kien halla l-kompressur l-ghassa tal-Belt pero` t-tletin euro (€30.00) li kien tah bhala self ghadu ma rritornahhomx. Inoltre, qal ukoll illi l-attur baqa' jigri warajh sabiex ihallas is-somma li qed jitlob u qed jesebixxi ritratt immarkat bhala Dok. CDS 4 li juri l-vettura ta' l-attur wara l-bieb tad-dar tieghu meta kien jigi sabiex jitolbu l-flus.

In kontro ezami rega' spjega kif meta gie sabiex jipparkja, l-attur kien tajjar xi *cones* u ghalhekk, il-konvenut kien mar inehhi il-*cones* minn taht il-karozza ta' l-attur, u meta kien qed jaghmel dan il-moviment, l-attur qallu li faqalu t-*tyre.* Spjega ukoll illi iktar tard matul il-gurnata ta' l-incident in kwistjoni l-attur kien irritorna sabiex jiskuza ruhu u kien selfu pompa u tletin Euro (€30.00). L-attur kien weghedu illi l-ghada kien ser jirritornalu kollox lura u inoltre, hu jichad illi l-flus kienu *on account* ghall-hsara illi kien ghamillu.

Sema` x-xhieda ta' **Mario Azzopardi** fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 fejn ikkonferma illi fid-data ta' l-incident, fil-ghaxija, kien ma' l-attur fil-karozza ta' l-istess attur u kif kienu hergin mill-Yellow Garage, ra l-konvenut u kien hemm xi battibek bil-kliem bejniethom pero` hu ma kienx jaf fuq xiex kienu qed jargumentaw izda jikkonferma illi wara, l-attur kien spjegalu illi l-argument kien fuq xi *tyre.* Ikkonferma illi l-attur kien irritorna l-ID Card tal-konvenut waqt dan l-inkontru. Qabel ma' saq, l-attur nefah it-*tyre* b'xi pompa illi hareg mill-karozza tieghu. Hu ikkonferma illi ma kienx *flat* ghax li kieku kien hekk ma kienx jitla' bil-pompa li kellu ghax din kienet zghira.

Sema` x-xhieda ta' **Spettur James Grech** fis-seduta tad-28 ta' Jannar 2009 fejn ikkonferma illi nhar is-17 t'April kien ghamel rapport l-attur illi l-konvenut faqalu *tyre* (Dok JG 1), rapport maghmul mis-Surgent 728 Brandon Borg. Ipprezenta ukoll stqarrija tal-konvenut (Dok JG2). Ix-xhud spjega illi kien sussegwentement dahallu suspett illi

setgha kien hemm abbuz ta’ poter da parti tal-attur u fil fatt baghat ghalih u kellmu nhar l-20 ta’ Jannar fejn sostna li l-attur mexa b’mod legittimu u ddikjara illi l-Pulizija ma kenitx se tiehu passi kriminali fil-konfront tal-attur pero` zied jghid illi l-Pulizija ikkonkludiet li ser tiehu passi kriminali fil-konfront tal-konvenut fuq l-allegazzjoni tal-hsarat ikkawzati fil-vettura ta’ l-attur.

Sema` x-xhieda ta’ **PC 618 Charles Vella** fejn ikkonferma illi kien ghamel access fuq il-post in kwistjoni u ma ra ebda hsara fuq ebda *tyre* izda ra biss *tyre* imnizzel imma mhux qtugh fit-*tyre.* Ix-xhud ikkonferma illi kien l-attur illi indikalhom li kellu *tyre* minnhom imnizzel u kien biss imnizzel ftit.

Sema` x-xhieda ta’ **PC 594 Robert Saliba** fejn ikkonferma illi kien ghamel access fuq il-post in kwistjoni u ma kienx ra *tyre* tal-konvenut mifquh izda kien ftit imnizzel.

Ha nota ta’ nota ta’ osservazzjonijiet u sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha hekk kif prezentati fil-kaz.

**Ikkunsidra** :

Illi qabel xejn t-Tribunal irid jara jekk jistax jasal biex jikkonkludi illi l-konvenut huwa l-persuna responsabbli ghall-hsara li allegatament sofra l-attur fit-tyre tal-vettura tieghu.

Jinghad mill-ewwel illi dan it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi, mill-assjem tal-provi kollha migbura u mill-apprezzament taghom, illi l-hsara fit-tyre allegatament sofferta mill-attur fil-vettura tieghu hija htija ta’ xi azzjoni jew agir tal-konvenut.

Ibda biex u l-aktar fattur u prova illi timmilita kontra l-verzjoni tal-attur hija x-xhiedha taz-zewg Pulizija illi marru fuq il-post tal-allegat incident, **PC 618** u **PC 594** – li t-tnejn jiddikjaraw illi ma raw ebda tyre imqatta` izda biss tyre ftit

baxx. Jeskludu bl-aktar mod assolut illi raw jew kien hemm tyre imqatta` jew imcarrat.

Ukoll, it-Tribunal isib stramb kif b'tyre imqatta` kif allegat, seta` l-attur nefah it-tyre u saq fuqu.

Filwaqt illi jirrizulta illi l-konvenut mar vicin il-vettura tal-attur meta dan ipparkja dak in-nhar ta' l-allegat incident, jidher verosimili illi dan sar peress illi l-attur kien tajjer xi cones u l-konvenut mar jigborhom minn taht il-vettura tal-attur. U dan il-fatt flimkien mal-fatt illi jidher illi l-attur kellu tyre baxx fuq il-vettura tieghu seta` wassal lill-attur biex jahseb illi l-konvenut seta` ghamel hsara fuq it-tyre.

Izda ghat-Tribunal, irid jinghad illi ma jhossx illi l-attur ressaq provi bizzejjed u sufficcjenti sabiex jikkonvincuh illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hsara allegat, u dan anke fil-livell li trid il-ligi f'kazijiet bhal dawn.

B'dana kollu it-Tribunal jinsab cert, anke minn kif jirrizulta mill-investigazzjoni li saret mill-Pulizija Esekuttiva, illi l-attur seta` facilment haseb illi kien il-konvenut illi ghamillu hsara fuq it-tyre appuntu minhabba illi l-konvenut avvicina l-vettura tal-attur biex igib il-cones. Dan il-fattur sejjer jittiehed in konsiderazzjoni meta t-Tribunal jiddeciedi dwar l-ispejjes tal-kawza.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici. Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjes giudizzjarji taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------